V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-EFTA

## SENTENZA TAL-QORTI

**tal-21 ta' April 2021**

**fil-Kawża E-2/20**

**Il-Gvern Norveġiż, irrappreżentat mill- Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni (*Utlendingsnemnda – UNE*) vs L**

*(Direttiva 2004/38/KE – Libertà ta' moviment u residenza – Tkeċċija – Protezzjoni kontra t-tkeċċija – Theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed – Raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika – Ordnijiet ta' tkeċċija – Applikazzjonijiet għat-tneħħija ta' ordnijiet ta' tkeċċija – Bidla materjali – Neċessità – Proporzjonalità – Drittijiet fundamentali - Dritt għall-ħajja tal-familja)*

(2021/C 324/11)

Fil-Kawża E-2/20, Il-Gvern Norveġiż, irrappreżentat mill-Bord tal-Appelli tal-Immigrazzjoni (*Utlendingsnemnda – UNE*) vs L – TALBA lill-Qorti skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja mill-Qorti tal-Appell ta' Borgarting (*Borgarting lagmannsrett*) dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, kif adattata għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-Qorti, magħmula minn Páll Hreinsson, President, Per Christiansen u Bernd Hammermann (Imħallef-Relatur), Imħallfin, qatgħet is-sentenza tagħha fil-21 ta' April 2021, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

1. L-ordnijiet ta' tkeċċija permanenti, fil-prinċipju, ma jmorrux kontra l-liġi taż-ŻEE, dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 27 u 28 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u jistgħu jitneħħew skont l-Artikolu 32 tagħha. Miżura ta' tkeċċija trid tkun ibbażata fuq eżami individwali. Fir-rigward ta' ċittadini taż-ŻEE li jkunu għexu legalment għal perjodu ta' aktar minn 10 snin fl-Istat ospitanti, it-tkeċċija tista' biss tiġi adottata, skont l-Artikoli 27 u 28(3) tad-Direttiva 2004/38/KE, għar-raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika fiċ-ċirkostanzi fejn il-kondotta personali tal-individwu kkonċernat tkun ta' theddida eċċezzjonalment serja li miżura ta' tkeċċija tkun meħtieġa għall-protezzjoni ta' wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà. Dan dment li tali protezzjoni ma tkunx tista' tinkiseb b'mezzi inqas stretti, filwaqt li jitqies it-tul ta' residenza taċ-ċittadin taż-ŻEE fl-Istat ospitanti, u b'mod partikolari tal-konsegwenzi negattivi serji li tali miżura jista' jkollha fuq ċittadin taż-ŻEE u l-membri tal-familja tiegħu li jkunu saru ġenwinament integrati fl-Istat ospitanti. Kwalunkwe deċiżjoni ta' esklużjoni trid tkun limitata għal dak li huwa neċessarju sabiex jiġi ssalvagwardjat l-interess fundamentali li t-tkeċċija kellha l-għan li tipproteġi. Id-deċiżjoni ta' esklużjoni trid taderixxi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. Ir-riabilitazzjoni soċjali ta' ċittadin taż-ŻEE fl-Istat li fih ikun sar ġenwinament integrat hija fl-interess tas-soċjetà inġenerali. L-imġiba tajba tal-individwu kkonċernat matul il-perjodu ta' priġunerija u sussegwentement, taħt probation, flimkien ma' prova oħra ta' riintegrazzjoni fis-soċjetà jtaffu t-theddida attwali għas-sigurtà pubblika. Il-familja u t-tfal tal-individwu, inklużi t-tfal tar-rispett, huma kunsiderazzjoni importanti fil-valutazzjoni tan-neċessità ta' miżura restrittiva skont il-Kapitolu VI tad-Direttiva 2004/38/KE fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-aħjar interessi tat-tfal u tad-drittijiet fundamentali. Fil-valutazzjoni tan-neċessità tat-tkeċċija, il-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe alternattiva għat-tkeċċija trid tkun parti mill-valutazzjoni ġenerali.

3. Bidla materjali għall-finijiet tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2004/38/KE hija waħda li tneħħi l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni inizjali skont il-Kapitolu VI tad-direttiva li tirrestrinġi l-libertà ta' moviment abbażi tal-kondotta tal-individwu. Ma jistax jiġi preżunt li bidla materjali fil-kondotta personali mhux se sseħħ u kull applikazzjoni trid tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ. Iridu jitqiesu l-fatturi kollha li jistgħu jipprovdu prova ta' bidla materjali fil-kondotta personali. Dan se jiddependi min-natura tal-kondotta tal-individwu u t-theddida għas-soċjetà li tippreżenta. Trid titqies kwalunkwe prova li turi li l-individwu kien involut f'attivitajiet pożittivi u legali b'tali mod li huwa improbabbli li jerġa' lura għat-tip ta' attivitajiet li jwasslu għat-tkeċċija. Tali fatturi jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, prova li persuna qagħdet lura milli tinvolvi ruħha f'aktar kriminalità, prova ta' riintegrazzjoni fis-soċjetà ospitanti, il-bidu u ż-żamma ta' attività ekonomika stabbli, ir-riżultati ta' valutazzjonijiet psikoloġiċi, espressjonijiet kredibbli ta' remors, prova ta' involviment pożittiv u kostruttiv fis-soċjetà, u b'mod partikolari r-riabilitazzjoni soċjali taċ-ċittadin taż-ŻEE fl-Istat fejn huwa ġenwinament integrat.